MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Numru. 1141/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Omar Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omar Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 125882(M).

Akkuzat talli bejn l-1 ta' April 2012 u t-2 ta' April 2012, fil-Birgu, fix-Xaghjra u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Marthese (Maria Teresa) Schembri;
2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Marthese (Maria Teresa) Schembri kontra l-volonta` taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. Ikkommetta attenta vjolent ghal pudur fuq l-imsemmija Marthese (Maria Teresa) Schembri;
4. Offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghall-pubblku.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' April 2012 u fil-gimghat ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Marthese (Maria Teresa) Schembri, biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalu biza;
6. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u cioe` lil Marthese (Maria Teresa) Schembri u persuni ohra, b'mod li kien jaf jew b'mod li ikun jaf jew imissu kien jaf li dan hu ta fastidju ghal persuna;
7. Ghamel lil Marthese (Maria Teresa) Schembri, ingurja jew hedded, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
8. Talli sar recediv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommettiet reat, wara diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
9. Talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata 10 ta' Gunju 2010.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Marthese (Maria Teresa) Schembri u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini tal-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 198, 86, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 ;

(c) Fl-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 ;

(d) Fl-Artikoli 18, 251A, 251B tal-Kapitolu 9 ;

(e) Fl-Artikoli 18, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 ;

(f) Fl-Artikoli 17, 18, 23, 32, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 ;

(g) Fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-erbgha (4) ta’ Novembru, elfejn u tlettax (2013) l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ghandha tippreciza punt li seta’ jigi sollevat wara x-xhieda tal-parte civile in kontro-ezami fis-seduta tat-tletin (30) ta’ Gunju elfejn u erbatax (2014) fejn hija xehdet li kienet qeghda tahfer lill-imputat talli ghamlilha u dan ghaliex minn dakinhar tar-reat ’il hawn, huwa halliha bi kwieta u ma regax dejjaqha aktar.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi stupru vjolenti tal-ex mahbuba tieghu u li ssekwestra lill-istess mill-Birgu. L-ewwel imputazzjoni, u cioe` dik ta’ stupru vjolenti, tehtieg il-kwerela tal-allegata vittma, ai termini tal-Artikolu 544(a) tal-Kodici Kriminali. Fl-atti gie esebit ir-rapport li Maria Theresa Schembri kienet ghamlet, u li l-istess Schembri kienet telghet tixhed biex tikkonferma r-rapport taghha fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta’ Mejju elfejn u tlettax (2013).

Irrizulta pero` illi fl-istadju tal-provi tad-difiza kif hawn fuq inghad, Maria Theresa Schembri qalet fi kliemha li “nixtieq nahfirlu” b’referenza ghall-imputat.

Illi l-Artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi :

> ***“(1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b’talba tal-parti privat, il-kwerelant jista’, f’kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela.”***

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Victor Vella</u>** deciza fil-hmistax (15) ta’ Novembru elf disa’ mija, sitta u disghin (1996), il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> ***“Ir-rinunzja ghall-azzjoni ghandha tkun cara u inkondizzjonata. Ghandha tkun cara fis-sens li meta l-parti offiza tghid li qed***

***“tahfer” irid jirrizulta b’mod car li hija qed tirrinunzja ghall-kwerela ossia ghall-azzjoni u li dik il-mahfra mhux semplicement professjoni ta’ sentiment ta’ karita` jew ta’ nuqqas ta’ interess. Anqas tista’ r-rinunzja tkun soggetta ghal xi kondizzjoni, ghax altrimenti l-qorti flok ma tghaddi minnufih ghas-sentenza kif suppost taghmel, ikollha tiddifferixxi biex tara jekk tavverax ruhha o meno dik il-kundizzjoni.”***

Fil-kaz odjern, fis-seduta tat-tletin (30) ta’ Gunju elfejn u erbatax (2014), l-imputata spjegat li hija kienet qed tahfer lill-imputat ghax fi kliemha l-imputat kien halliha bi kwieta u li reghhet stabbiliet relazzjoni tajba mar-ragel taghha.

Anki jekk din id-dikjarazzjoni tista’ tfisser bhala rinunzja tal-kwerela, jibqa’ l-fatt li dan ma jiswa ghal xejn ghax fil-kaz odjern, l-azzjoni xorta wahda hija prosegwibbli *ex-officio* mill-Pulizija, skont il-ligi u skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati.

Fil- fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Stephen Bonsfield</u>** deciza mis-sebgha u ghoxrin (27) t’April elfejn u sitta (2006), li wkoll kienet titratta allegat stupru u sekwestru tal-persuna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet hekk:

***“Illi hu minnu li dwar ir-reat ta’ stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali w dak ta’ attentat vjolenti ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207, ma jistghux isiru proceduri kriminali***

> ***hlief fuq talba tal-parti privata skont l-artikolu 544(a) u (c) tal-istess Kodici, pero l-proviso tal-istess artikolu 544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata."***

Issa, apparti l-akkuza ta' stupru vjolenti, u attentat vjolenti ghall-pudur, li jridu jitmexxew bil-kwerela tal-parti leza u li ghalhekk huma rinunzjabbli, l-imputat gie akkuzat ukoll b'arrest illegali tal-istess kwerelanti skont l-Artikoli 86, 87 u 88 tal-Kodici Kriminali, li indubbjament huwa reat ta' ordni pubbliku w li m'huwiex rinunzjabbli.

Dik il-Qorti rreferiet ghas-sentenza **Il-Pulizija v. George Zarb** deciza fis-sbatax (17) ta' Frar elf disa' mija, sebgha u disghin (1997), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> ***"L-ewwel imputazzjoni kontra Zarb hija dik ta' arrest illegali aggravat skond l-Artikolu 86 u 87 tal-Kodici Kriminali. L-azzjoni ghal tali reat ma tirrikjedi ebda kwerela. Il-Qorti tosserva li din l-imputazzjoni hi differenti minn dik ta' serq ta' persuna ("abduction") kontemplata fl-Artikolu 199, liema reat jirrikjedi l-kwerela tal-parti privata".***

**FATTI**

Illi a rigward il-mertu tal-kaz, il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat u l-parte civile Marthese Schembri kellhom relazzjoni intima meta din kienet ghadha mizzewwga lir-ragel taghha tant li f’xi perjodu hija nqabdet tqila minn mal-imputat izda ftit xhur wara hija korriet.
2. Ir-relazzjoni bejn Maria Theresa Shembri u r-ragel taghha ddeterjorat u dan ghaliex huwa sar jaf b’din ir-relazzjoni.
3. Illi Maria Theresa Schembri, meta gharrfet lill-imputat illi kienet qed ittemm ir-relazzjoni ta’ bejniethom peress li riedet terga’ tibni relazzjoni mar-ragel taghha, huwa beda jiffastidjaha u jibghatilha messaggi intimidatorji u ta’ theddid.
4. Illi dakinhar tal-ewwel (1) ta’ April elfejn u tnax (2012), Omar Pisani mar ifittex lill-parte civile il-Birgu hdejn il-Casino di Venezia u fil-fatt hi ratu u ppruvat taharbu. Sadanittant huwa baqa’ jibghatilha messaggi intimidatorji u meta ra miexja fit-triq, hareg mill-karrozza, dahhalha bil-forza fil-karrozza tieghu u hadha hdejn it-Torri tax-Xghajra wara li waqaf jixtri flixkun inbid. Hemmhekk stupraha ripetutament.

**XHIEDA**

Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur **Spettur Robert Said Sarreo** fejn huwa ta' spjegazzjoni dettaljata tal-fatti kollha kif graw u kif gew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza u li spiccaw fir-rapport tal-istess parte civile Maria Theresa Schembri.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' zewg il-parte civile **Charles Schembri** li spjega illi kien a konoxxjenza ta' x'kien gara bejn il-mara tieghu u Omar Pisani fejn anke` darba wahda, dan tal-ahhar kien gablu *baby doll* tal-mara tieghu. Spjega illi f'dawk iz-zminijiet kienu waslu biex jisseparaw tant li kien anke telaq mid-dar matrimonjali.

Xehdet il-parte civile **Marthese Schembri Abela** fl-ghoxrin (20) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) fejn hija xehdet illi dakinhar tal-ewwel (1) ta' April (elfejn u tnax) 2012 kien qed jibghatilha Omar sabiex jiltaqghu u hi bdiet tghidlu illi ma riditx tohrog. Pero` wara hafna tentattivi mir-ragel taghha biex igieghlha tohrog, hija ddecidiet illi tmur il-Casino tal-Birgu. Wara ftit hin huwa raha fit-triq tal-Casino u beda jghidlilha li riedha. Hi ndunat li dan kien xurban. Huwa fil-pront qabadha bis-sahha u dahhalha fil-karrozza u saq b'kemm jimxi ghal ghand certu Felic sabiex jixtri flixkun inbid.

Hija tghid li dak il-hin kienet imbezza' hafna ghaliex l-imputat beda jidghi u jgholli lehnu maghha. Meta waslu hdejn it-Torri tax-Xghajra li jinsab fid-dizabitat hija tghid illi sawwatha u qabadha minn ghonqha u rabtilha idejha ma' wara sabiex ikollu x'jaqsam maghha. Hija tghid illi wara certu hin cediet u bdiet tkompli mieghu u wara li beda jtiha it-tazzi tal-inbid kellu x'jaqsam maghha xi tliet darbiet ohra u mbaghad ma tafx x'gara aktar ghaliex raqdet sal-ghada filghodu.

Ix-xhud regghet sostniet illi hija hassitha mbezza hafna u fi kliemha l-imputat beda jghidilha « *jekk ma niehdokx jiena, qalli, hadd ma jiehdok. . .lanqas jekk niehdok mejta ! Lest li nqattghek bicca bicca u nitfghek il-bahar u hadd ma jkun jaf xejn ».*

Semghet ix-xhieda tal-espert imqabbad mill-Qorti **Dr. Martin Bajada** li esebixxa u halef rapport (Dok MB1) fejn kien eleva u ezamina zewg *"mobile phones"* li kienu esebiti fl-atti u nizzel id-*data* mitlub mill-Avukat Generali.

**KOSTATAZZJONIJIET LEGALI**

Il-Prof. Anthony Mamo, fin-notamenti tieghu fuq il-ligi kriminali, jghid hekk fuq ir-reat ta' stupru vjolenti:

> ***"In our law, the offence called "rape or carnal knowledge with violence" is that which is committed by any person who, by violence, has carnal knowledge of another person of either sex. Thus, there are two essential elements of this crime under our law, and these are:***
>
> ***(i) the carnal knowledge;***
>
> ***and (ii) the violence.".***

Fil-kaz odjern, mhux kontestat li kien hemm "*the carnal knowledge*", ghax sija l-imputat jammetti fl-istqarrija tieghu li ghamel b'mod volontarju fis-sebgha (7) ta' April elfejn u tnax (2012) kif ukoll il-parte civile qalu li kien hemm l-att sesswali ghal aktar minn darba. Ghalhekk, tibqa' il-kwistjoni jekk dan l-att sesswali sarx bil-vjolenza jew bil-konsapevolezza taz-zewg partijiet.

Il-Prof. Mamo jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza:

> ***"It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. … … The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the***

> ***common experience of life. Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime: … …".***

Sabiex tasal ghal konkluzjoni jekk fil-kaz odjern giex pruvat sal-grad li tirrikjedi l-ligi penali li l-att sesswali bil-vjolenza jew le, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi il-parte civile Marthese Schembri kienet ilha tipprova ttemm ir-relazzjoni minn mal-imputat Omar Pisani izda dan ma riedx jaf u baqa' jimmolestaha sakemm ma ltaqghu dakinhar tal-allegat reat.

Illi di piu`, il-fatt illi dakinhar il-parte civile ma riditx tohrog tiltaqa' mieghu wkoll jaghti xhieda tal-fatt illi hija ma riedet ikollha xejn x'taqsam mieghu. Hija sussegwentement harget wahidha u mhux biex tiltaqa' mal-imputat.

Illi l-fatt li skont kif qalet il-parte civile li l-imputat kien xurban u li kien qed jagixxi b'mod vjolenti maghha wkoll juri illi f'mohhha kellha certa biza' minnu illi kien ser jaghmlilha xi haga kerha.

Illi l-fatt li kif qalet il-parte civile li wara certu hin hija cediet u kompliet mieghu ma jinnewtralizzax il-fatt illi prevja dak il-hin ir-reat ta' stupru ma kienx imwettaq.

Illi fl-isfond ta' dan kollu u konsiderando l-fatt illi l-imputat uza certa vjolenza anke' bil-mod kif dahhal lill-parte civile fil-karrozza u bil-mod kif rabtilha idejha warajha sabiex ma tirrezistix juru l-istat mentali tal-parte civile li kienet ghal kollox gustifikata li thossha mbezza' mill-imputat. Illi jirizulta wkoll illi l-fatt fejn gara r-reat huwa post pubbliku.

Illi jirrizulta wkoll illi l-prosekuzzjoni ma gabet prova kif tirrikjedi l-ligi ghat-tmien (8) u d-disgha (9) akkuza stante li ma pprezentatx l-ebda sentenza sabiex isostnu dawn l-akkuzi.

Ugwalment il-Qorti thoss illi l-akkuza sitta (6) ma gietx ippruvata ghaliex ma ngabitx il-prova rikjesta mill-ligi tal-*course of conduct* tal-imputat ghal din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u filwaqt li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 32, 86, 198, 207, 209, 251B, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Omar Pisani hati biss tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sebgha (7) akkuzi u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija effettiva ghal tliet (3) snin u hames (5) xhur filwaqt li tilliberah mis-sitta (6), tmien (8) u disa' (9) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------